MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Rikors Numru. 207/2013/2

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta' Novembru 2014 li jaqra kif gej:

"Illi l-attur intavola l-proceduri ta' separazzjoni odjerna kontra martu;

Illi l-esponenti u martu ilhom ma jabitaw flimkien ghal madwar erba' snin;

Illi peress illi l-partijiet ilhom ma jabitaw flimkien ghal dawn l-ahhar erba’ snin ma ghad fadal l-ebda kuntatt bejniehtom;

Illi l-konvenuta tahdem self-employed u ghandha xoghol ghal rasha;

Recentement l-esponenti sar jaf minghand terzi illi l-konvenuta qed topera stabiliment iehor ghal rasha u ghalhekk ma jixtieqx illi jassumi tali dejn illi l-konvenuta tista’ taghmel tenendo kont illi ilhom separati de facto ghal erbgha snin;

Illi ghaldaqstant huwa qed jintavola dan ir-rikors, ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;

Illi t-talba tal-esponenti bl-ebda mod ma tippregudika lil-partijiet, anzi l-esponenti jikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f' atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel - kif jidher li huwa l-kaz minn naha tal-intimata ghalkemm qatt ma talbet permess jew informat lill-esponent;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet, u tordna li l-istess tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna li l-istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess direttur tar-registru pubbliku;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.”

Rat li fil-5 ta’ Frar 2015, il-konvenuta pprezentat risposta fejn iddikjarat illi ma topponix ghar-rikors;

Ikkonsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Ikkonsidrat;

Peress illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f'dan l-istadju tal-kawza ma hu ser jirreka l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess partijiet, il-Qorti qed tikkonsidra t-talba gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talba fuq imsemmija maghmula mill-partijiet flimkien waqt l-udjenza tallum billi:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mill-jum li fih din is-sentenza ssir *res judicata*.

Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------